



Dokument ta' sessjoni

A8-0277/2015

30.9.2015

RAPPORT

dwar il-politika ta' koeżjoni u r-rieżami tal-istrateġija Ewropa 2020
(2014/2246(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Fernando Ruas

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	14
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	18

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-politika ta' koeżjoni u r-rieżami tal-istrategġija Ewropa 2020 (2014/2246(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 162, u 174 sa 178 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (minn issa 'l quddiem "ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni")¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006²,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006³,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea⁴,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament Ewropew ta' koperazzjoni territorjali (REKT) fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib tal-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali raggruppamenti⁵,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006⁶,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta'

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289.

³ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.

⁴ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.

⁵ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 303.

⁶ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281.

- Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹,
- wara li kkunsidra s-sitt rapport tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali intitolat "Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi: il-promozzjoni tal-iżvilupp u ta' governanza tajba f'reġjuni u bliet tal-UE", tat-23 ta' Lulju 2014 (minn hawn' il quddiem "is-Sitt Rapport ta' Koeżjoni"),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002²,
 - wara li kkunsidra t-tmien rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali intitolat "Id-dimensjoni reġjonali u urbana tal-kriżi" tas-26 ta' Ġunju 2013,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2014 dwar speċjalizzazzjoni intelliġenti: eċċellenza fin-netwerking għal Politika ta' Koeżjoni soda³,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2014 dwar l-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri tal-UE għal bidu effikaċi u f'waqtu tal-perjodu l-ġdid ta' Programmazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni⁴,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2014 dwar is-seba' u t-tmien rapporti ta' progress tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u r-Rapport Strateġiku tal-2013 dwar l-implimentazzjoni tal-programm għal bejn l-2007 u l-2013⁵,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2014 dwar dewmien fil-ftuħ tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020⁶,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2011 intitolata "Qafas għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti finanzjarji innovattivi - il-pjattaforma tal-UE tal-ekwità u tad-dejn" (COM(2011)0662),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil⁷,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2015 intitolata 'L-

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

² ĠU L 298, 26.10.2002, p. 1.

³ Testi adottati, P7_TA(2014)0002.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2014)0015.

⁵ Testi adottati, P7_TA(2014)0132.

⁶ Testi adottati, P8_TA(2014)0068.

⁷ ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98.

aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-patt tal-istabbiltà u tkabbir' (COM(2015)0012),

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitt rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali (Koeżjoni) fid-19 ta' Novembru 2014,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tat-3 ta' Diċembru 2014 dwar is-sitt rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali¹,
 - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma intitolat "Pjan ta' Azzjoni għal strateġija Ewropa 2020 riveduta: il-kontribut tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Pjattaforma għall-Monitoraġġ tal-Ewropa 2020 tal-Kumitat tar-Regġuni"²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Jannar 2015 dwar is-sitt rapport dwar il-koeżjoni tal-Kummissjoni³,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Marzu 2015 intitolata "Ir-risultati tal-konsultazzjoni pubblika fuq l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" (COM(2015)0100),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2015 intitolata 'L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir' (COM(2015)0012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0277/2015),
- A. billi l-politika ta' koeżjoni hija l-politika ewlenija tal-UE għall-investiment, it-tkabbir u l-iżvilupp allinjata mal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv u li għandha l-għan li tnaqqas id-differenzi bejn ir-regġuni u tippromwovi l-konverġenza, b'baġit ta' EUR 351,8 biljuni sa tmiem l-2020; billi l-UE qed tkompli tħabbat wiċċha mal-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja — livell għoli ta' qgħad, u pass irregolari u kajman ta' rkupru ekonomiku; u billi l-politika ta' koeżjoni għandha l-għan li tiżgura li l-enerġiji u l-kapaċitajiet kollha jiġu mobilizzati u ffokati fuq il-kisba tal-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi;
- B. billi huwa kruċjali li l-inizjattivi differenti tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi, kif ukoll għall-ħarsien ambjentali u tal-klima, iżommu approċċ koerenti; billi l-inizjattivi emblematiċi tal-Istrateġija Ewropa 2020 jiżvolġu rwol ewlieni għat-titjib tal-koordinazzjoni fil-livell lokali u reġjonali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; billi m'hemm ebda mekkaniżmu espliċitu integrat fid-dispożizzjonijiet tal-programmazzjoni jew tar-rappurtar li jiffoka b'mod espliċitu fuq l-inizjattivi emblematiċi f'termini tal-kontribut tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għat-twettiq tagħhom; billi se jkun hemm bżonn li r-rieżami tal-Istrateġija

¹ ĠU C 19, 21.1.2015, p. 9.

² <https://portal.cor.europa.eu/europe2020/SiteCollectionDocuments/2459-brochure-BlueprintEU2020.pdf>

³ Opinjoni tal-21 ta' Jannar 2015 (KESE 4756/2014 - ECO/370) (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Ewropa 2020 jindirizza l-implimentazzjoni tal-inizjattivi emblematiċi u jimmira li jsib bilanċ bejn il-miżuri finanzjarji, fiskali u ekonomiċi fuq in-naħa l-waħda u l-aspetti soċjali, edukattivi, ambjentali u tal-ugwaljanza (speċjalment l-ugwaljanza bejn is-sessi) fuq in-naħa l-oħra;

- C. billi teżisti hteġa dejjem tikber għal sjieda konġunta aktar soda tal-istrategġija min-naħa tal-livelli differenti tal-governanza u tal-atturi differenti involuti, u għal responsabilità kondiviża bid-drittijiet u l-obbligi korrispondenti fil-livelli kollha ta' implimentazzjoni; billi l-governanza u s-sħubija fuq diversi livelli jeħtieġ li jissaħħu, peress li dawn il-prinċipji għandhom il-potenzjal li jindirizzaw in-nuqqas ta' kapaċità amministrattiva;
- D. billi l-għanijiet tal-politika ta' koeżjoni bla dubju ta' xejn evolwew maż-żmien biex jappoġġaw l-investment fil-prijoritajiet ewlenin tal-UE, u wrew l-adattabilità u l-effikaċja tagħhom, filwaqt li żammew it-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni bħala l-objettiv ċentrali, saħħew il-potenzjal tar-reġjuni u ppromovew l-iżvilupp sostenibbli; billi l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) jintroduċi elementi ġodda fl-istrategġija ġenerali tal-UE mmirata lejn il-ħolqien ta' tkabbir innovattiv, sostenibbli u inklussiv u impjegi bi kwalifiki għoljin;
- E. billi r-rieżami tal-Istrategġija Ewropa 2020 għandu jqis l-effetti serji u inugwali li l-kriżi ekonomika u finanzjarja kellha fuq l-Istati Membri u r-reġjuni, u għandu jkun intelliġenti u bbilanċjat għal raġunijiet ta' koerenza u effikaċja; billi jista' madankollu jikkunsidra miżuri oħra, bħal pereżempju l-infrastruttura, is-suq intern u miżuri tal-kapaċità amministrattiva; billi għandhom jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi territorjali differenti, u tingħata attenzjoni speċjali lir-reġjuni tal-UE msemmija fl-Artikoli 174 u 349 tat-TFUE;
- F. billi r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrategġija Ewropa 2020, għalkemm ġie postpost fl-2015, hu fuq kollox opportunità biex jiġi vvalutat (u rikonoxxut) il-kontribut tal-politika ta' koeżjoni biex jinkisbu l-miri tal-istrategġija u biex jitjiebu l-interazzjonijiet u r-rabtiet eżistenti bejn diversi politiki tal-UE u mal-baġit tal-UE, bil-ħsieb li dawn jaġixxu bħala xprun effettiv għall-implimentazzjoni tal-istrategġija; billi dan l-istadju huwa essenzjali għat-tfassil tal-politika ta' koeżjoni futura, bħala politika tal-investment fil-livell tal-UE, filwaqt li tingħata prijorità għat-tnaqqis tad-disparitajiet tal-iżvilupp u jiġi aċċellerat mill-ġdid il-proċess ta' konverġenza;

L-Istrategġija Ewropa 2020 u l-interrelazzjoni tagħha mal-politika ta' koeżjoni

1. Ifakkar li l-Istrategġija Ewropa 2020 hija strategġija komprensiva u fit-tul għal "tkabbir u impjegi" tal-Unjoni Ewropea, imsejsa fuq ħames objettivi ambizzjużi: l-impjegi, l-innovazzjoni, it-tibdil fil-klima u s-sostenibbiltà tal-enerġija, l-edukazzjoni, u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; jinnota li l-objettivi huma akkumpanjati minn seba' inizjattivi emblematiċi u jinnota li l-isfidi identifikati fl-2010 ġew indirizzati b'mod inugwali u li l-progress fil-livell tal-UE fir-rigward tal-ilħuq ta' wħud minnhom, bħal pereżempju l-ġlieda kontra l-qgħad, għadu moderat; jenfasizza li l-UE għandha tikkonċentra fuq it-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll fuq impjegi deċenti sabiex jinkisbu benefiċċji fit-tul mill-investimenti tagħha;
2. Jenfasizza l-fatt li l-progress fl-ugwaljanza bejn is-sessi jista' jikkontribwixxi wkoll għat-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp sostenibbli u l-koeżjoni soċjali;

3. Jirrimarka li qafas tal-governanza ekonomika tal-UE u l-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni tiegħu, is- "Semestru Ewropew", ġew stabbiliti fl-2010 biex jiġu żgurati l-koordinazzjoni tal-politiki fiskali tal-Istati Membri, ir-riformi strutturali u allinjament aħjar tal-politiki baġitarji nazzjonali dwar it-tkabbir u l-impjiegi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-istrateġija; jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li għad iridu jiġu indirizzati l-isfidi ta' koordinazzjoni u ta' sinkronizzazzjoni ulterjuri;
4. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni għall-2007-2013, allinjata mal-predeċessur tagħha, l-Istrateġija ta' Lisbona u bl-istess objettivi ewlenin, kienet diġà fil-fażi ta' implimentazzjoni meta tnediet l-Istrateġija Ewropa 2020, u li programmazzjoni mill-ġdid skont l-objettivi tal-istrateġija l-ġdida għalhekk kienet tkun diffiċli u kontroproduktiva; jirrimarka, madankollu, li, fi żmien ta' kriżi ekonomika globali, il-politika ta' koeżjoni ma kinitx biss l-uniku sors ta' investment għal ħafna Stati Membri, iżda wkoll, permezz tas-sistema ta' allokkazzjoni rikjesta mill-Istrateġija ta' Lisbona, appoġġat u kkontribwiet b'mod sostanzjali għall-politiki tal-pajjiżi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, kif juri s-sitt rapport ta' koeżjoni u bosta komunikazzjonijiet u studji tal-Kummissjoni; ifakkar li maż-żmien l-Istrateġija ta' Lisbona tilfet l-impenn tal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, u li governanza tal-Ewropa 2020 hija partikolarment konsistenti mal-prinċipji u l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni, li jista' jiżgura impenn ta' sjieda konġunta fuq l-implimentazzjoni tal-istrateġija;
5. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet *ex post* għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, biex tippovdi informazzjoni dwar l-output u l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati kif ukoll il-kontribut konkret tal-politika ta' koeżjoni għall-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020; jenfasizza kemm hu importanti li jinftehem r-realtajiet u l-limitazzjonijiet tal-evidenza disponibbli dwar il-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għall-ilħuq tal-objettivi komprensivi tal-istrateġija u li jitqies it-taqlib li ġarrbu l-ekonomiji tal-UE, speċjalment fil-każ ta' dawk il-pajjiżi li ntlaqtu ħażin ħafna waqt il-kriżi; japprezza li dawk il-konklużjonijiet jafu jkunu siewja għall-implimentazzjoni attwali tal-istrateġija;
6. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni hija l-istrument ewlieni tal-UE, li jkopri r-reġjuni kollha, għal investment fl-ekonomija reali, u sservi bħala l-espressjoni tas-solidarjetà Ewropea billi testendi t-tkabbir u l-prosperità u tnaqqas id-differenzi ekonomiċi, soċjali u territorjali; jindika li l-politika ta' koeżjoni hija kompletament allinjata mal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u tippovdi l-qafas ta' investment meħtieġ, iżda mhix sempliċiment għodda għall-implimentazzjoni tagħha; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li permezz tal-konċentrazzjoni tematika, il-Fondi SIE skont l-arkitettura l-ġdida huma orjentati lejn l-il-objettiv tematiku derivati direttament mill-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, u li l-prekundizzjonijiet marbuta direttament ma' dawn l-objettivi tematiki ġew stabbiliti sabiex jiġi żgurat li l-investimenti jsiru b'mod li jimmassimizza l-effikaċja tagħhom; jenfasizza l-appoġġ sħiħ tiegħu għal dan l-approċċ ġdid, li se jikkontribwixxi biex tiżdied l-effikaċja tal-infiq;
7. Jenfasizza l-fatt li l-politika ta' koeżjoni qed tiżviluppa sinerġiji ma' politiki oħra tal-UE bħas-suq uniku diġitali, l-unjoni tal-enerġija, is-suq uniku tal-kapital u l-politika soċjali u li, permezz tal-istrumenti u l-objettivi kollha tagħha, inklużi l-istrateġiji

makroreġjonali, l-aġenda urbana, l-aġenda territorjali, l-investment fl-SMEs, tkabbir intelliġenti u strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, qed tikkontribwixxi sostanzjalment biex jissaħħa is-suq uniku u biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020; jitlob f'dan il-kuntest lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fl-Ewropa biex ifasslu strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u jisfruttaw is-sinerġiji bejn id-diversi strumenti tal-UE, nazzjonali u reġjonali, kemm pubbliċi kif ukoll privati;

8. Jindika l-konnessjoni ma' proċess ta' governanza ekonomika usa' permezz ta' miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika soda; jistieden lill-Istati Membri jaġixxu b'responsabilità sħiħa sabiex safejn ikun possibbli tiġi evitata l-applikazzjoni tagħhom u sabiex ikunu prevenuti l-impatti negattivi fuq l-implimentazzjoni tal-Fondi SIE u fuq l-ilħuq tal-għanijiet tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza, barra minn hekk, li għandu jingħata appoġġ lill-Istati Membri li qed jesperjenzaw diffikultajiet baġitarji temporanji; jilqa' l-mekkaniżmi ta' flessibilità fi hdn ir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (COM(2015)0012) bil-għan li tissaħħa ir-rabta bejn l-investment, ir-riformi strutturali u l-użu tar-riżorsi biex ikun promoss it-tkabbir sostenibbli fit-tul u jiġi faċilitat il-progress lejn l-oġettivi tal-Ewropa 2020;
9. Jenfasizza bi tħassib id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni attwali; jirrimarka li, għalkemm maġġoranza kbira tal-programmi operazzjonali issa ġew miftiehma, l-implimentazzjoni nnifisha għadha fi stadju bikri ħafna; jenfasizza, madankollu, li jistgħu jsiru valutazzjonijiet fir-rigward tal-orjentar tar-riżorsi tal-politika lejn prijoritajiet li jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli u impjiegi; jinnota, f'dan il-kuntest, li skont l-ewwel evalwazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni, l-ammonti allokatu għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-appoġġ għall-SMEs, l-ICT, l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-bini tal-kapaċità żdiedu sostanzjalment meta mqabbla mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, filwaqt li l-livell ta' appoġġ għat-trasport u l-infrastruttura ambjentali naqas; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, fil-mument tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija Ewropa 2020, id-data dwar l-implimentazzjoni tal-Fondi SIE 2014-2020 jaf xorta tkun għadha nieqsa, u li, bħala riżultat, evalwazzjoni konkreta tal-kontribut ta' dawn il-fondi biex jinkisbu l-miri tal-istrateġija jaf xorta ma tkunx possibbli f'dak l-istadju; japprezza l-fatt li l-Istati Membri ħadu azzjoni, pereżempju biex jiżguraw li 20 % tar-riżorsi tagħhom jintefqu fuq l-azzjoni klimatika;
10. Jirrikonoxxi li t-twaqqif ta' qafas tal-prestazzjoni u l-introduzzjoni ta' kundizzjonalitajiet *ex ante* u rabtiet mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 jistgħu jipprovdu ambjent ta' investment aħjar għall-massimizzazzjoni tal-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għall-kisba tal-miri ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020;

Il-momentum tar-rieżami u l-isfidi relatati

11. Ifakkar li l-Kummissjoni nediet il-proċess ta' rieżami tal-istrateġija fl-2014 billi ppubblikat il-komunikazzjoni tagħha intitolata "Evalwazzjoni tal-istrateġija tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv", u jħoss li hi ħasra li ma saritx referenza biżżejjed għall-politika ta' koeżjoni u l-istrumenti assoċjati f'dak id-dokument;

japprezza l-fatt li l-proċess kompli b'konsultazzjoni pubblika li saret bejn Mejju u Ottubru 2014 bil-għan li tinġabar evidenza għall-proċess ta' rieżami, u jilqa' l-fatt li r-rilevanza tal-istrateġija u s-sinifikat tal-għanijiet u l-prijoritajiet tagħha ġew ikkonfermati;

12. Jinnota li jitqies li l-inizjattivi emblematiċi qed iservu l-iskop tagħhom, iżda jenfasizza wkoll il-fatt li l-viżibbiltà tagħhom hi meqjusa pjuttost baxxa; jiddispjaċih li l-kriżi ekonomika u finanzjarja aggravat id-disparitajiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea u li ma sar biżżejjed progress fir-rigward ta' bosta mill-miri ewlenin tal-istrateġija, speċjalment dawk relatati mal-impjiegi, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-faqar u l-esklużjoni soċjali; jilqa' l-konklużjoni magħmula dwar il-ħtieġa li jissaħħu s-sjieda u l-involvement fil-post, billi jiġu kkonsolidati s-sħubiji vertikali u orizzontali bil-ħsieb li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-istrateġija; jenfasizza li l-istrateġija għandha tinkoraġġixxi l-bidla minn orjentazzjoni tal-proċess u l-eżitu għal approċċ ta' orjentazzjoni lejn ir-riżultati reali sabiex jiġi żgurat l-oġhla livell ta' effiċjenza u l-effikaċja possibbli għall-politiki tal-UE marbuta magħhom;
13. Jilqa' l-pubblikazzjoni regolari mill-Eurostat ta' indikaturi tal-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020; jitlob, madankollu, ammont akbar ta' dettalji reġjonali, u li dawn ikunu aktar preċiżi, fir-rigward tad-data pprovduta fil-livelli NUTS II u NUTS III, li se tkun ta' importanza dejjem akbar minħabba l-problemi ekonomiċi u soċjali mhux previsti f'diversi reġjuni tal-UE, irrISPETTIVAMENT mil-livell ta' żvilupp tagħhom; jirrimarka, barra minn hekk, t-tliet dimensjonijiet tal-politika ta' koeżjoni: ekonomika, soċjali u territorjali — u jqis, fid-dawl ta' dan, li m'għandux jitkejjel biss fuq il-bażi ta' indikaturi ekonomiċi; jitlob, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu d-diskussjoni u jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni aktar effiċjenti fl-iżvilupp ta' sett ta' indikaturi aktar inklużivi li jikkomplementaw il-PDG, bil-ħsieb li jkunu aktar rilevanti għall-evalwazzjoni tal-progress li sar għall-ilħuq tal-oġettivi prijoritarji tal-Istrateġija Ewropa 2020;
14. Jinnota li l-pubblikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-Istrateġija Ewropa 2020 hi mistennija qabel tmiem l-2015 u jiddispjaċih dwar dan id-dewmien, peress li inizjalment kienet iprogrammata għall-bidu tal-2015; jenfasizza li, għal darba oħra, din se sseħħ f'mument pjuttost "inopportun" fiċ-ċiklu tal-politika ta' koeżjoni, meta jkun qed jiżvolġi l-proċess ta' implimentazzjoni effettiva; jenfasizza, barra minn hekk, li programmazzjoni mill-ġdid bikrija tkun kompletament kontroproduktiva għall-ippjanar strateġiku fit-tul tal-politika ta' koeżjoni;
15. Jilqa' t-twaqqif ta' task force għal implimentazzjoni aħjar tal-fondi tal-UE; jilqa' wkoll it-twaqqif tas-'Servizz ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali', li uffiċjalment beda jiffunzjona fl-1 ta' Lulju 2015 u li se jipprovi assistenza teknika lill-Istati Membri bil-għan ta' implimentazzjoni aktar effettiva tar-riformi strutturali u tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;
16. Jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li jeħtieġ titqies l-evoluzzjoni tal-perspettiva ekonomika, l-użu ta' strumenti ġodda, il-progress li jkun sar lejn l-oġettivi tal-istrateġija u l-ħtieġa konsegwenti li jsiru aġġustamenti operazzjonali;
17. Jitlob għalhekk li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija Ewropa 2020 ikun intelliġenti u bbilanċjat, u li jkun iffokat fuq titjib fl-

interrelazzjonijiet bejn il-ħames objettivi tal-istrateġija u l-inizjattivi emblematiċi tagħha u fuq l-identifikazzjoni ta' metodi ta' kif jistgħu jiġu implimentati u evalwati aħjar mingħajr ma jinħolqu saffi addizzjonali ta' kumplessità u piż amministrattiv eċċessiv; jenfasizza li dan għandu jkoll il-punti sodi u d-dgħjufijiet tal-ekonomija tal-UE, l-inugwaljanzi li qed jikbru (bħal pereżempju fil-ġid), il-livell għoli ta' qgħad u l-livell għoli ta' dejn pubbliku; jenfasizza li, b'mod parallel mal-enfasi fuq il-kriterji makroekonomiċi tal-governanza fiskali u ekonomika, għandha ssir ħidma biex jitlaħqu l-miri ewlenin kollha tal-Istrateġija Ewropa 2020; iqis li għandha tingħata wkoll attenzjoni lil sostenibbiltà ambjentali u soċjali akbar, u aktar inklużjoni soċjali u ugwaljanza bejn is-sessi; jenfasizza l-importanza ta' appoġġ kontinwu mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-awtoritajiet tal-Istati Membri fit-titjib tal-kapaċità amministrativa;

18. Itenni t-talbiet tiegħu biex jissaħħu d-dimensjonijiet tar-responsabbiltà, tas-sjieda, tat-trasparenza u tal-parteċipazzjoni tal-istrateġija billi jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-partijiet konċernati u interessati rilevanti kollha tas-soċjetà ċivili mit-tfassil tal-miri u l-iżvilupp tal-objettivi sal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġija; jinsisti dwar l-importanza kruċjali ta' struttura tal-governanza msaħħa bbażata fuq il-governanza f'diversi livelli, strutturi ta' inċentivi, approċċ effettiv b'taħlita tal-approċċi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq, il-mudell ta' sħubija tal-politika ta' koeżjoni u sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat b'mod ġenerali, għall-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni tal-partijiet interessati kollha, sabiex tiġi żgurata kapaċità effettiva biex jinkisbu l-għanijiet fit-tul; ifakkar li, skont l-oqfsa istituzzjonali u legali tal-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma responsabbli wkoll għall-investment pubbliku u għalhekk għandhom jiġu rikonoxxuti bħala atturi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-istrateġija;
19. Jissuġġerixxi, barra minn hekk, li l-impenn tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tal-partijiet konċernati fil-proġett tal-Istrateġija Ewropa 2020 għandu jiġi mġedded fil-forma ta' patt bejn dawk is-sħab, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, sabiex tkun żgurata s-sjieda u l-parteċipazzjoni, filwaqt li għandu jiġi adottat kodiċi ta' kondotta simili għal dak dwar is-sħubija, introdott permezz tal-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020;
20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ ġenwinament territorjali għall-istrateġija Ewropa 2020 bil-għan li l-interventi u l-investimenti pubbliċi jiġu aġġustati skont il-karatteristiċi territorjali u l-ħtiġijiet speċifiċi differenti; iqis li huwa ta' importanza kbira li jitqarrbu lejn xulxin l-approċċ ġenerali tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-approċċ territorjali tal-Aġenda Territorjali 2020 (TA 2020); huwa tal-fehma, barra minn hekk, li miri reġjonali volontarji mfassla apposta tal-Ewropa 2020 għandhom ikunu possibbli, u għandhom jiġu diskussi fil-livell reġjonali mingħajr ma jiżdied il-piż burokratiku fil-post; jenfasizza li tali miri reġjonali speċifiċi volontarji għandhom ikunu konsistenti mal-arkitektura ġenerali tal-istrateġija u jiġu inklużi fi ħdan il-miri ddefiniti minn qabel; ifakkar ukoll, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' strateġiji tal-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità;
21. Jirrikonoxxi r-rwol sinifikanti tal-bliet u ż-żoni urbani bħala xprun għat-tkabbir u l-impjiegi, u jesiġi li r-rieżami tal-Istrateġija Ewropa 2020 jkoll approċċ olistiku usa' għall-iżvilupp futur tal-bliet bħala entitajiet li jaqdu rwol attiv fl-ilħuq tal-objettivi tal-Ewropa 2020; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tqis kif jixraq id-Dikjarazzjoni ta' Riga dwar l-Aġenda Urbana, fid-dawl tar-rwol fundamentali li jiżvolġu ż-żoni

urbani, ikunu ta' liema daqs ikunu; jenfasizza, b' mod partikolari, il-ħtieġa għal strateġija li tqis il-ħtiġijiet speċifiċi ta' żoni urbani żgħar u ta' daqs medju fuq il-bażi ta' approċċ li jibni sinerġiji mal-Aġenda Diġitali u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar ir-rwol ta' aspetti territorjali bħala fatturi ta' tkabbir ekonomiku, ħolqien ta' impjiegi u żvilupp sostenibbli, u jesiġi li r-rieżami tal-Istrateġija Ewropa 2020 jindirizza l-impatti territorjali u jipprovdi gwida dwar kif għandhom jiġu indirizzati; itenni l-importanza ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali f' dan ir-rigward, minħabba li dawn għandhom irwol importanti fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-iżvilupp territorjali; jenfasizza wkoll ir-rwol li l-istrateġiji makroreġjonali u l-kooperazzjoni territorjali Ewropea b' mod ġenerali jista' jkollhom fl-implimentazzjoni b' suċċess tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, peress li ħafna proġetti tal-iżvilupp jinvolvu żoni transkonfinali, inklużi bosta reġjuni u pajjiżi, u huma kapaċi jżviluppaw reazzjonijiet ibbażati fuq il-post għall-isfidi fit-tul;
23. Jinnota l-importanza tal-istrument tal-investiment ġdid tal-UE, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), li se jappoġġa l-mobilizzazzjoni ta' massimu ta' EUR 315 biljun f' investimenti, bil-għan li titnaqqas id-differenza fl-investiment fl-UE u li jiġi mmassimizzat l-impatt tal-infiq pubbliku; jenfasizza li l-FEIS għandu jkun addizzjonali għall-Fondi SIE, u jikkomplementahom; jiddispjaċih dwar il-fatt li mhux marbut b' mod ċar mal-Istrateġija Ewropa 2020, iżda jqis li, permezz tal-oġettivi tiegħu u l-għażla ta' proġetti sostenibbli u vijabbli għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija f' oqsma speċifiċi;
24. Jenfasizza, barra minn hekk, li huwa essenzjali li jiġu żgurati koerenza u s-sinerġiji totali bejn l-istrumenti kollha tal-UE, billi jiġu kkunsidrati l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti bħala wieħed mill-istrumenti ta' investiment ewlenin, sabiex tiġi evitata d-dupplikazzjoni jew il-kontradizzjonijiet bejniethom jew bejn il-livelli differenti ta' implimentazzjoni tal-politiki; jitlob, għaldaqstant, li r-rieżami tal-Istrateġija Ewropa 2020 jikkonferma bħala l-qafas strateġiku fit-tul tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi u jindirizza din l-isfida ta' koordinazzjoni tal-istrumenti tal-politiki, inkluż l-FEIS, bil-ħsieb li r-riżorsi disponibbli kollha jintużaw b' mod effettiv u li jinkisbu r-riżultati mistennija fir-rigward tal-miri strateġiċi komprensivi;
25. Jitlob lill-Kummissjoni, bil-ħsieb li tipromwovi l-iżvilupp armonjuż ġenerali tal-UE u fil-perspettiva tar-rwol ewleni tal-politika ta' koeżjoni għall-ilħuq tal-oġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, biex meta tkun qed tirreżamina l-miri u l-għanijiet tal-istrateġija tqis il-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet ta' territorji speċifiċi, bħal daww taż-żoni rurali, iż-żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, ir-reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiki gravi u permanenti, il-gżejjer, ir-reġjuni transkonfinali, ir-reġjuni muntanjużi u r-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-UE, f' konformità mal-Artikoli 174 u 349 tat-TFUE; jindika, f' dan il-kuntest, il-potenzjal ta' dawn ir-reġjuni f' oqsma bħall-bijoteknoloġija, l-enerġija rinnovabbli u l-bijodiversità;
26. Jenfasizza r-riżultati mtejbja li jirriżultaw meta tiżdied il-kwantità, il-kwalità u l-impatt tal-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, permezz tal-użu koordinat tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni u l-programm Orizzont 2020 fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija Ewropa 2020; jitlob lill-Kummissjoni, f' dan ir-rigward, biex

issaħħaħ l-interazzjonijiet u s-sinerġiji kollha possibbli bejn dawn iż-żewġ oqfsa politiċi importanti fir-rieżami tal-miri u l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u li twaqqaf sistema ta' rintraċċar ibbażata fuq l-internet għall-identifikazzjoni ta' każijiet ta' taħlit ta' finanzjament mill-Fondi SIE ma' Orizzont 2020, FEIS u programmi oħra ffinanzjati mill-Komunità; jilqa' wkoll il-pjan li jiġi introdott "siġill ta' eċċellenza" għal dawk l-applikanti li jiġu evalwati bħala eċċellenti iżda ma jkunux jistgħu jiksbu finanzjament minn Orizzont 2020, sabiex jgħinuhom jaċċessaw il-Fondi SIE;

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi proċess kontinwu ta' valutazzjoni koerenti sabiex jivvaluta regolarment il-progress tal-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020 u jissuġġerixxi miżuri xierqa għall-kisba tagħhom, kif ukoll rakkomandazzjonijiet għall-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020; jenfasizza wkoll ir-rwol tal-PE li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-politika ta' koeżjoni b'mod koordinat, mhux biss fi ħdan il-Parlament, iżda wkoll mal-istituzzjonijiet rilevanti kollha; jitlob, f'dan ir-rigward, l-involvement f'waqt tal-Parlament fid-diskussjonijiet rilevanti kollha mmirati lejn it-tfassil tal-politiki koperti mill-istrateġija, it-twettiq u l-evalwazzjoni tagħhom; jindika l-importanza li f'dawn l-iskambji ta' fehmiet jiġu mobilizzati wkoll il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-parlamenti nazzjonali u reġjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-partijiet konċernati interessati oħra;

Il-politika ta' koeżjoni tal-ġejjieni — titwila aktar fit-tul

28. Iqis li r-rieżami tal-Istrateġija Ewropa 2020, li probabbilment se jsir qabel it-tnedija tal-proposta għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2014-2020, se jipprovdi l-bażi għall-arkitettura ġejjiena tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020, kif ukoll għal strumenti oħra tal-QFP; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li jiġi indirizzat b'mod effettiv it-tħassib kollu msemmi hawn fuq, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tal-approċċ strateġiku; ifakkar, barra minn hekk, il-valur miżjud ta' politika ta' koeżjoni mifruxa mal-UE kollha, li jeħtieġ li tibqa' wieħed mill-istrumenti prinċipali ta' investiment tal-UE għat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-protezzjoni tal-klima, filwaqt li tiżgura żvilupp bilanċjat u armonjuż fl-UE, bħala katalista għall-bidla u stimolu tal-prosperità, anke fir-reġjuni inqas żviluppati; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġi żgurat livell sostenibbli ta' finanzjament għall-Fondi SIE wara l-2020;
29. Jirrimarka li kemm il-politika ta' koeżjoni ġejjiena kif ukoll l-istrateġija fit-tul tal-UE ġejjiena għandhom jiġu abbozzati qabel it-tmiem tal-mandat attwali tal-Kummissjoni, peress li se jkun hemm l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2019, u li dan jimponi restrizzjonijiet ta' żmien speċifiċi sinifikanti fuq il-koleġiżlaturi fir-rigward tal-kalendarju għan-negozjati, u fuq il-Kummissjoni l-ġdida u l-Istati Membri fir-rigward tal-preparazzjoni u l-adozzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija ġodda u l-programmi operazzjonali ġodda qabel il-bidu tal-QFP li jmiss; jinnota, fl-istess ħin, li se jkunu bdew in-negozjati dwar il-QFP ġejjieni; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tqis ir-restrizzjonijiet speċifiċi kollha li jinħolqu minħabba l-interkonnessjonijiet u r-rekwiżiti tal-koordinazzjoni taż-żmien u biex tiżviluppa approċċ koerenti fir-rigward tal-istrateġija ġejjiena fit-tul għat-tkabbir u impjiegi sostenibbli tal-UE, il-baġit tal-UE, il-politika ta' koeżjoni b'mod partikolari u strumenti oħra taħt il-QFP;

30. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni.

NOTA SPJEGATTIVA

Sfond

Il-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta aktar minn terz tal-baġit tal-UE u hi l-istrument ewlieni ta' investiment tal-UE. Hija allinjata mill-qrib mal-għanijiet ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv stabbilit fl-istrateġija Ewropa 2020. Il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuq l-analiżi ta' nofs it-term tal-istrateġija u, fi tmiem l-2015, hija mistennija tippreżenta proposti sabiex tiżviluppaha aktar.

Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi ESI) għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 huma marbuta mal-Istrateġija Ewropa 2020 permezz tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u 11-il Objettiv Tematiku¹, li huma allinjati mal-5 miri ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020.²

F'Marzu 2014, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat komunikazzjoni li turi kif l-UE u l-Istati Membri qed jimxu 'l quddiem lejn il-miri tal-2020, komunikazzjoni li kienet maħsuba biex tistabbilixxi l-bażi għal diskussjoni aktar infurmata u rieżami ta' nofs it-term.

Minħabba l-kobor tal-bidla li għaddiet minnha l-UE bħala riżultat tal-kriżi, il-Kummissjoni kkunsidrat li kien meħtieġ li tnedi konsultazzjoni pubblika madwar l-UE kollha sabiex tiġbor l-opinjoni tal-partijiet interessati kollha dwar kif għandha tiġi żviluppata l-istrateġija Ewropa 2020 fil-ħames snin li ġejjin. Il-konsultazzjoni saret bejn ir-rebbiegħa u l-ħarifa li għaddew. Ir-riżultati tiegħu ġew ippubblikati fit-3 ta' Marzu 2015³.

Il-Kumitat tar-Reġjuni wkoll ippubblika dokument ta' ħidma dwar dan: *'Pjan ta' Azzjoni għal strateġija mġedda Ewropa 2020: il-kontribut tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Kumitat tar-Reġjuni' (Pjattaforma għall-Monitoraġġ tal-Ewropa 2020)*⁴ u l-Kunsill ta l-ewwel opinjoni dwar ir-Rieżami tal-Istrateġija Ewropa 2020⁵ wkoll.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, ippubblika wkoll studju dwar dan is-suġġett⁶ u

¹ 1 - tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni; 2 - titijb tal-aċċess għall-ITC, u l-użu u l-kwalità tagħhom; 3- tisħiħ tal-kompetittività tal-SMEs, tas-settur agrikolu (għall-FAEŻR) u tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura (għall-FEMS); 4 - appoġġ għall-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-oqsma kollha; 5 - promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji; 6 - ippreservar u protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi; 7 - promozzjoni tat-trasport sostenibbli u t-tneħħija tal-ostakoli fl-infrastrutturi tan-netwerks ewlenin; 8 - promozzjoni ta' impjiegi sostenibbli u ta' kwalità u l-appoġġ għall-mobilità tax-xogħol; 9 - promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar u kull diskriminazzjoni; 10 - investiment fl-edukazzjoni, it-taħriġ u t-taħriġ vokazzjonali għall-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja; 11 - tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-partijiet interessati u amministrazzjoni pubblika effiċjenti.

² Biex jiġi żgurat li r-riformi tal-Istati Membri jimmiraw fl-istess direzzjoni, ġew adottati ħames għanijiet ewlenin kwantifikabbli għall-UE kollha li jridu jintlaħqu sal-2020: 1- **Impjiegi**: Fost l-irġiel u n-nies ta' bejn l-20 u l-64 sena, ir-rata tal-impjieg għandha tiżdied għal mill-inqas 75 %. Dan għandu jintlaħaq primarjament billi ż-żgħażaġh, il-ħaddiema akbar fl-età u l-ħaddiema immigranti b'livell baxx ta' ħiliet jiġu integrati aħjar fis-suq tax-xogħol, kif ukoll permezz ta' aktar involviment tan-nisa; 2- **Ir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni**: 3 % tal-PGD għandu jiġi investit fir-Riċerka u l-Iżvilupp. Din il-mira rnexxielha tiffa' enfasi fuq il-ħtieġa biex is-setturi pubbliċi u privati jinvestu fir-riċerka u l-iżvilupp iżda tiffoka aktar fuq il-kontribut milli fuq l-impatt; 3- **It-Tibdil fil-Klima u l-Enerġija**: L-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jridu jtnaqqsu b'20 % meta mqabbla mal-livell fl-1990, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija għandu jiżdied għal 20 % u hemm l-impenn biex l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tiżdied għal 20 %; 4- **Edukazzjoni**: Ir-rata ta' tfal li jtitilqu mill-iskola qabel iż-żmien għandha ttnaqqas għal inqas minn 10 % u l-perċentwal ta' dawk li għandhom bejn it-30 u l-34 sena li jkun segwew edukazzjoni terzjarja għandu jiżdied għal tal-anqas 40 %; 5- **Il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali**: In-numru ta' Ewropej li jgħixu taħt il-linji nazzjonali tal-faqar għandu jtnaqqas b'25 %, u b'hekk 20 miljun persuna joħorġu mill-faqar (<https://www.bka.gv.at/site/7763/default.aspx>).

³ http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/europe2020_consultation_results.pdf

⁴ <https://portal.cor.europa.eu/europe2020/SiteCollectionDocuments/2459-brochure-BlueprintEU2020.pdf>.

⁵ *Reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020 — Rapport ta' sintesi* (<http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-16559-2014-INIT/en/pdf>).

⁶ <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.news.32810>.

qed jiddibatti dwaru mas-sħab soċjali u ekonomika f'fora differenti.

Dan ir-rapport huwa l-ewwel rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-rieżami ta' nofs it-term tal-istrateġija Ewropa 2020, u jiffoka fuq id-dimensjoni tal-politika ta' koeżjoni ta' din l-istrateġija. Minħabba li l-politika ta' koeżjoni 2014-2020 hija allinjata għalkollox mal-ilħuq tal-obiettivi tal-istrateġija, u tikkontribwixxi għalih, huwa importanti ħafna li jitqies il-progress li diġà sar, l-għan tar-rieżami u l-isfidi li jeħtieġ li jiġu indirizzati mill-perspettiva tal-politika ta' koeżjoni.

Għandu jiġi nnutat li l-perspettiva finanzjarja ta' wara l-2020 u l-istrateġija fit-tul tal-Unjoni se jkunu fuq l-aġenda bejn wiehied u ieħor fl-istess żmien. Il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss, il-politika ta' koeżjoni li jmiss u l-istrateġija ta' wara l-2020 se jiġu diskussi b'mod parallel. Dan se jirrappreżenta sfida kbira għall-Parlament il-ġdid u għall-Kummissjoni l-ġdida. Il-mandat attwali jagħtina opportunità kbira biex inħejju legat għal-leġislatura li jmiss sabiex din it-tranżizzjoni tkun aktar rapida u b'inqas intoppi.

Il-politika ta' koeżjoni u l-Istrateġija Ewropa 2020 — rabtiet sodi

Il-Politika ta' Koeżjoni tirrappreżenta wiehied mill-istrumenti ewlenin għat-twettiq tal-Istrateġija Ewropa 2020. Din tkompli tikkontribwixxi b'mod pożittiv u sostanzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv:

- Il-politika ta' koeżjoni għenet l-ilħuq tal-miri tal-istrateġija Ewropa 2020 fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, kif jidher mis-sejbiet tas-Sitt Rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; din il-politika hi l-istrument finanzjarju prinċipali tal-UE li jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-istrateġija UE 2020;
- L-Istrateġija Ewropa 2020 serviet ta' qafas għat-tfassil u l-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020. Permezz tal-arkitettura kollha tagħha u l-elementi mexxejja ġodda bħall-konċentrazzjoni tematika, orjentament lejn ir-riżultati, il-kundizzjonalità *ex-ante* u użu akbar tal-istrumenti finanzjarji, il-Politika ta' Koeżjoni hija allinjata għalkollox mal-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv;

Għandu jiġi nnutat li wara l-kriżi tal-2008, minħabba n-nuqqas ta' fondi pubbliċi nazzjonali, il-politika ta' koeżjoni saret l-unika riżors finanzjarju għall-politika tat-tkabbir f'xi Stati Membri u reġjuni. Dan juri li bis-saħħa tal-politika ta' koeżjoni, xi investimenti komplew, minkejja tnaqqis kbir fil-finanzjament pubbliku. Dan il-fatt jikkonferma l-importanza fit-tul ta' din il-politika u r-reżistenza tagħha fir-rigward ta' fatturi ekonomiċi esterni differenti. Ir-rapporteur ifakkar ukoll fl-importanza tal-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-politika ta' Koeżjoni u Orizzont 2020, filwaqt li jenfasizza kemm hu importanti li tiżdied il-kwantità, il-kwalità u l-impatt tal-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, permezz ta' użu kkoordinat tal-istrumenti tal-politika ta' Koeżjoni u Orizzont 2020.

Interkonnessjonijiet mal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS)

Il-qafas strateġiku komuni kif previst mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, bil-għan li jinkiseb żvilupp integrat permezz tal-koordinazzjoni tal-Fondi ESI ma'

strumenti u politiki oħrajn tal-Unjoni għandu jiġi implimentat għalkollox. Ir-rapporteur ifakkar li l-allokkazzjonijiet finanzjarji għall-Istati Membri miftiehma taħt l-Intestatura 1b tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 ma jistgħux jiġu modifikati b'rispons għal ħtiġijiet potenzjali tal-FEIS;

L-interazzjonijiet u l-konnessjonijiet bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi għandhom iservu bħala bażi ta' riflessjoni dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni. Id-differenzi bejn dawn it-tnejn huma enormi u xi benefiċjarji esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-filosofija ġenerali ġejjiena tal-politika ta' koeżjoni. Fil-fatt, il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi ma jidherx li jitmexxa bl-istess kriterji. Din hija waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex il-partijiet konċernati tal-Fondi ESI qed jesprimu t-tħassib tagħhom; **ir-rapporteur jenfasizza l-fatt li l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi għandu jkun komplementari u addizzjonali għall-fondi ESI biex jinħolqu sinerġiji msaħħa u valur miżjud reċiproku.**

B'mod partikolari, filwaqt li l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u strumenti Ewropej oħra huma aktar tematiċi u mmirati lejn oqsma speċifiċi differenti (ir-riċerka, l-enerġija eċċ.), il-politika ta' koeżjoni hija l-unika politika ta' investiment orizzontali fl-UE. Ir-rapporteur jemmen li din għandha tibqa' politika ta' investiment orizzontali ewlenija tal-UE kollha.

Governanza f'diversi livelli msaħħa

L-Istrateġija Ewropa 2020 rieżaminata għandha tiġi msaħħa fil-governanza tagħha, bl-użu tas-saffi differenti tal-governanza f'diversi livelli skont il-prinċipju tas-sħubija. **Ir-rapporteur jenfasizza f'dan il-kuntest, l-importanza tal-eżistenza ta' approċċ imħallat effikaċi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq, l-Istati Membri fil-Qafas tal-Governanza f'Diversi Livelli.** Dan jinkludi d-definizzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-Istrateġija UE 2020, permezz ta' ftehimiet ta' governanza f'diversi livelli, billi jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali, partijiet konċernati tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra. Ir-rapporteur jitlob f'dan ir-rigward li tittejjeb il-governanza f'diversi livelli sabiex il-miri tal-istrateġija Ewropa 2020 jinkisbu b'mod aktar koerenti u effettiv, mhux biss fil-livell tal-Istati Membri iżda wkoll fil-livell Ewropew, u jissuġġerixxi l-użu tal-governanza f'diversi livelli tal-politika ta' koeżjoni bħala mudell għal dan ir-rieżami.

Barra minn hekk, il-governanza f'diversi livelli aktar b'saħħitha se teħtieġ aktar appoġġ għall-gvernijiet lokali u reġjonali li se jkollhom jittrattaw approċċ totalment ġdid meta mqabbel mal-perjodu preċedenti. Dan huwa validu wkoll għat-tnejn tal-istrateġija ġejjiena li jmiss għal wara l-2020. F'dan ir-rigward, kapaċità amministrattiva akbar b'saħħitha tkun milqugħa tajjeb u għandha tiġi mħeġġa, filwaqt li jiġi enfasizzat li m'għandhomx jinħolqu saffi addizzjonali ta' kumplessità u piż amministrattiv żejjed.

Approċċ territorjali

Fir-rigward tal-governanza f'diversi livelli, ir-rapporteur jistenna Approċċ Territorjali ġenwin għall-Istrateġija Ewropa 2020 u jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-hteġa tal-użu tal-miri mfassla apposta tal-istrateġija Ewropa 2020 għal kull reġjun (mill-inqas, miri reġjonali aġġustati).

Filwaqt li jitqies il-fatt li r-reġjuni differenti jgħixu realtajiet u speċifitàjiet differenti, u b'hekk għandhom għanijiet tal-iżvilupp differenti fi ħdan l-Istati Membri, teżisti l-hteġa ta' **analiżi u evalwazzjoni kwalitattivi**.

Meta l-għanijiet ikunu kollha l-istess għal reġjuni differenti fi ħdan l-istess Stat Membru (bħalma huwa l-każ fl-Istrateġija UE 2020 attwali), jista' jkun hemm riżultati assimetriċi fl-implimentazzjoni tagħha (f'reġjuni differenti fi ħdan l-UE u anke f'reġjuni differenti fi ħdan l-Istati Membri); objettivi reġjonali proprji, speċifiċi u magħmula apposta, jistgħu jsovvu din il-limitazzjoni. Ir-rapporteur jemmen bis-sħiħ li din il-miżura sempliċi għandha żżid ukoll . **"is-sens ta' sjieda" (għallinqas, sjieda konġunta) tal-Istrateġija Ewropa 2020 min-naħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-Istati Membri** u l-partijiet konċernati oħra, u b'hekk tiżdied l-importanza, il-viżibilità u l-effettività tagħha. Permezz tal-ġhoti ta' sens ta' sjieda akbar lill-atturi fuq il-post, aħna nistgħu nżidu l-effikaċja tal-politika deċiża fil-livell Ewropew. Livell għoli ta' approprijazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 mill-partijiet interessati kollha għandha tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. F'dan ir-rigward, ir-rapporteur ifakkar ukoll l-importanza li jitqiesu l-karatteristiċi speċjali u r-restrizzjonijiet tar-Reġjuni l-Aktar Imbiegħda tal-UE kif enfasizzat fl-Artikolu 349 tat-TFUE.

Sfidi ġejjiena

Meta nqisu l-limitizzjonijiet taż-żmien serji u d-dewmien esperjenzati fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali, ir-rapporteur jenfasizza l-hteġa assoluta ta' diskussjoni komprensiva u f'waqtha dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni tal-UE wara l-2020 u l-allinjament tagħha mal-Istrateġija fit-tul riveduta/li jmiss għall-UE u l-QFP il-ġdid; ir-rapporteur ifakkar ukoll li fl-2019 se jsiru l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li Kummissjoni ġdida se tibda l-funzjonijiet tagħha li se jittrattaw kemm l-evalwazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-istrateġija fit-tul tal-UE li jkun imiss, kif ukoll perjodu ta' programmazzjoni ġdid. Bl-użu tal-esperjenza attwali tagħna nistgħu nevitaw xi dewmien potenzjali fil-ġejjieni.

Mingħajr azzjoni ppjanata minn qabel, id-duplikazzjoni tad-deċiżjonijiet u t-testi leġiżlattivi differenti rilevanti fl-2018-2019 tista' tikkawża dewmien ġdid fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni l-ġdida ta' wara l-2020 u fl-istrateġija fit-tul tal-UE li se tissostitwixxi l-Istrateġija Ewropa 2020. Ir-rieżami ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020 huwa waħda minn haġna opportunitajiet differenti li jistgħu jwasslu għat-tħejjija b'suċċess tal-perjodi finanzjarji u leġiżlattivi l-ġodda. L-esperjenza miksuba matul l-aħħar reviżjoni tal-Politika ta' Koeżjoni ċertament se tkun siewja haġna waqt it-tħejjija u n-negożjati għal dik li jmiss.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	17.9.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 3 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, José Blanco López, Franc Bogovič, Mercedes Bresso, Steeve Briois, Edward Czesak, Rosa D'Amato, Bill Etheridge, Michela Giuffrida, Krzysztof Hetman, Ivan Jakovčić, Constanze Krehl, Andrew Lewer, Louis-Joseph Manscour, Martina Michels, Andrey Novakov, Mirosław Piotrowski, Stanislav Polčák, Julia Reid, Liliana Rodrigues, Fernando Ruas, Maria Spyraiki, Ruža Tomašić, Ramón Luis Valcárcel Siso, Ángela Vallina, Monika Vana, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij, Derek Vaughan, Joachim Zeller
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Olbrycht, Demetris Papadakis, Maurice Ponga
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Brando Benifei, Andrejs Mamikins, Soraya Post